MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA MALTA

**ONOR. IMHALLEF MAGRI ALBERT J.**

Seduta ta' 02 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 2016/1997/1

R. Cam Company Limited

Vs

Kristinu u Maryanne konjugi Abela

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fil-15 ta' Settembru 1997 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta li b'kuntratt ippublikat minn Nutar Dottor Mario Bugeja fit-28 ta' Novembru 1995 is-socjeta' attrici silfet lill-konvenuti li solidalment bejniethom accettaw u akkwistaw b'titolu ta' self is-somma ta' hamest elef lira maltin (LM5,000) restitwibbli lura f'pagamenti mensili ta' mitejn lira maltin (LM200) bla imghax, l-ewwel pagament isir fl-ewwel ta' Jannar 1996 u kull pagament sussegwenti kull l-ewwel ta' kull xahar b'dan illi kemm 'l darba l-konvenuti jonqsu milli jhallsu tlett pagamenti mensili jew ammont ekwivalenti huma jitilfu l-beneficcju tat-terminu u s-somma li tkun ghada dovuta ssir esigibbli f'daqqa mmedjatament

minghajr ebda bzonn ta' att gudizzjarju; illi permezz ta' l-istess kuntratt il-konvenuti intrabbtu li bl-ebda mod ma jittrasferixxu l-karozza Hyundai Lantra u l-Ford Transit numru ta' registrazzjoni W-8203 u J-3697 qabel ihallsu s-somma mislufa; illi b'kuntratt iehor ukoll ppubblikat minn Nutar Dottor Mario Bugeja din id-darba fid-19 ta' Novembru 1996 is-socjeta' attrici silfet lill-konvenuti li bl-istess titolu ta' self accettaw solidalment bejniethom l-ammont ta' elfejn hames mija u hamsin lira maltin (LM2550) restitwibbli lura flimkien mal-ammonti l-ohra dovuti mill-konvenuti lis-socjeta' attrici f'pagamenti mensili ta' mija u hamsin lira maltin bla imghax; l-ewwel pagament mensili jsir fid-19 ta' Dicembru 1996 u kull pagament sussegwenti kull tmintax ta' kull xahar, b'dana illi kemm 'l darba l-konvenuti jonqsu li jhallsu ammont ekwivalenti ghall-tlett pagamenti huma jitilfu l-beneficcju tat-terminu u l-bilanc dovut ikun esigibbli immedjatament minghajr il-bzonn ta' ebda att gudizzjarju, oltre fuq il-bilanc dovut jibda jiddekorri l-imghax bl-oghla rata permessa mill-ligi u dan b'effett mid-19 ta' Novembru 1996; illi bhala garanzija tal-hlas lura tas-somma mislufa u tal-interessi li jkunu jiddekorru fuqha l-konvenuti solidalment bejniethom ikkostitwew ipoteka generali fuq il-beni taghhom kollha, presenti u futuri a favur tas-socjeta' attrici li accettat oltre li ntrabtu li ma jbieghux il-karozza Hyundai Lantra bin-numru ta' registrazzjoni W-8203 u l-Van Transit numru ta' registrazzjoni J-3697 qabel jithallas il-bilanc kollu dovut; illi sal lum il-konvenuti hallsu biss (u dan tardivament) tlett pagamenti ta' mija u hamsin lira l-wiehed u ghalhekk huma moruzi fil-hlas ta' somma akbar minn dak ta' tlett pagamenti b'rizultat li ddekadew mill-beneficcju tat-terminu; illi per konsegwenza s-socjeta' attrici ghandha tesigi l-hlas tal-bilanc kollu li ghadu dovut - liema bilanc jammonta ghal sebat elef u mitt lira - bl-imghax bl-oghla rata permessa mil-ligi, dekorribbli mid-19 ta' Novembru 1996; illi interpellati diversi drabi sabiex jhallsu, il-konvenuti baqghu inadempjenti, talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara u tiddecidi li l-konvenuti huma moruzi fil-hlas tal-pagamenti li ntrabtu li jaghmlu lis-socjeta' attrici kif fuq inghad u per konsegwenza ddekadew mill-beneficcju tat-terminu lilhom koncess mis-socjeta' attrici b'dan li

ghalhekk illi l-istess socjeta' attrici ghandha dritt tesigi l-hlas immedjat tal-bilanc kollu dovut ammontanti dan il-bilanc ghal sebat elef u mitt lira bl-oghla rata ta' imghax permess mill-ligi, cioe 8% fis-sena, dekorribbli mid-19 ta' Novembru 1996;
2. Jigu l-konvenuti solidalment ikkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' LM7,100 bl-imghax ta' 8% fis-sena mid-19 ta' Novembru 1996 sad-data tal-effettiv pagament;
3. Jigi ordnat il-bejgh fl-irkant tal-vetturi fuq indikati cioe karozza Hyundai Lantra numru ta' registrazzjoni W-8203 u l-Ford Transit numru ta' registrazzjoni J-3697 sabiex mir-rikavat jithallas l-imsemmi kreditu tas-socjeta' attrici, liema bejgh ghandu jsir taht dawk id-direttivi li tordna din l-istess qorti.

Bl-ispejjes, komprizi dawk ta' l-ittra bonarja ta' l-24 ta' April 1997, kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat in-nota tal-konvenuti ppresentata fl-1 ta' Gunju 1998 li permezz taghha eccepew:-
1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes stante li l-kawza tal-kreditu tal-attur hija llegali u immorali u kontra l-interess pubbliku u tikkonsisti f'self b'usura kif jigi rpuvat waqt it-trattazzjoni.
2. Illi l-ammont pretiz bhala sorte huwa eccessiv u illegali. Kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni, l-ammonti mislufin kienu jikkonsistu biss f'somma ta' elf lira maltija (LM1000) u ta' elfejn u hames mitt lira (LM2500) rispettivament u d-differnza bejn dan u l-ammonti pretizi jikkonsistu f'uzura.
3. Illi mill-ammonti fattwalment mislufin lill-konvenuti huma hallsu LM1,400 kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
4. Ghalhekk l-ammont dovut lill-attur ghandu jigi mnaqqas ghal LM3,500 sorte piu imghaxijiet bir-rata legali skond kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni li minnhom

ghandhom jitnaqqsu l-pagamenti maghmula mill-konvenuti.
5. Illi t-talba attrici ghall-imghaxijiet fuq il-kapital minnu pretiz hu ukoll illegali stante li b'dan qed jitlob mhux biss 'compound interest' li ma kienx gie miftiehem bejn il-partijiet, imma ukoll imghaxijiet fuq imghaxijiet li hu ikkalkola fl-ammonti rispettivi ta' LM5000 u ta'LM2550 u in eccess ghall-limitu impost mil-ligi.
6. Illi l-eccipjenti m'ghandhomx jigu tenuti ibghatu l-ispejjes tal-kawza odjerna stante li l-kawzali tal-attur hija karpita bl-illegalita' tal-usurja li hija prattika li tmur kontra l-interess pubbliku.

Rat id-dikajarzzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenuti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-4 ta' Gunju 1998 quddiem din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tal-4 ta' Dicembru 1998 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

L-attur jghid li huwa silef ammonti ta' flus lill-konvenuti in forza ta' zewg kuntratti it-tenjn fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja u li mill-ammont ta' LM7,550 huwa fadallu jiehu is-somma ta' LM7,100 billi saru biss tlett pagamenti ta' LM150 il-wiehed. Dan l-ammont in vista ta' dak li hemm stipulat fil-kuntratti huwa dovut immdejatament stante li l-konvenuti tilfu l-beneficcju tat-terminu minhabba morosita' fil-hlas.

L-attur xhed li qabel il-kuntratt tat-28 ta' Novembru 1995 fejn jirrizulta self ta' LM5,000, huwa kien gia jinsab kreditur tal-konvenuti f'bilanc minn ammont moghti b;self precedentement. Jghid li dan il-bilanc kien ta' LM1,790. F'dik l-okkazzjoni sar self ulterjuri ta' LM2,500 u l-ammont totali dovut ammontanti ghal LM4290 gie arrotondat ghal

LM5,000 biex jkopri l-imghax dekors, u imghax futur fuq perjodu ta' hamsa u ghoxrin xahar. Minn dan l-ammont, skond l-attur, ma thallset ebda somma.

L-attur jkompli jghid li sena wara u cioe fid-19 ta' Novembru 1996 il-konvenuti regaw avvicinawh ghal self ulterjuri u dan accetta li jghatihom elfejn lira (LM2,000) ohra u gie pubblikat kuntratt iehor fejn tnizzlet is-somma ta' LM2550 u l-attur spejga li l-ammont ta' LM550 kien l-imghax intiz biex jkopri (a) l-imghax mhux imhallas, (b) l-imghax dovut fuq is-somma ta' LM7550, u (c) ghat-telf li kien ser jsofri minhabba li issa l-pagamenti kienu ser jkunu ta' LM150 fix-xahar u mhux ta' LM200 bhal ma kienu qabel.

Il-konvenuti jsostnu li l-ammont reklamat ma huwiex dovut billi, fl-ewwel lok hemm kawza illecita inkwantu tezisti l-uzura, fit-tieni lok jghidu li huma qatt ma sselfu l-ammonti indikati fil-kuntratti u fl-ahharnett jghidu li mill-ammonti mislufa sar pagament sostanzjali.

Il-konvenut jsemmu tlett kuntratti. Bdew b'dak tat-22 ta' Awissu 1995, li ma jissemmiex mill-attur ghalkemm dan jaccenna ghalieh inkwantu jsemmi li qabel l-kuntratt ta' Novembru 1995 huwa gja kellu kreditu kontra l-konvenuti. Fl-okkazzjoni ta' Awissu l-konvenuti jghidu li ghalkemm il-kuntratt isemmi self ta' LM2544 li kellu jithallas bir-rata ta' LM106 fix-xhar, effettivament huma ircevew biss elf lira u kull ammont addizzjonali imsemmi fil-kuntratt kien jirrapresenta imghax komputat bit-30%.

Wara din l-okkazzjoni l-konvenuti jghidu li huma regghu ssellfu minn ghand l-attur f'Novembru 1995 u li dak inhar ircevew LM2,500 ghalkemm fil-kuntratt tnizzlet l-ammont ta' LM5,000. Il-konvenuti ma jikkontestawx dak li qed jallega l-attur fis-sens li dan il-kuntratt kien jinkorpora l-bilanc precedenti u imghax mahdum bil-quddiem. Izda jidher li hemm tlett problemi naxxenti minn din il-kwistjoni.

a) id-debitu rizultanti mill-kuntratt tat-22 ta' Awissu 1995 ghadu vigenti u daqstant huma l-ipoteki iskritti u l-obbligi hemm imsemmija;

b) jirrizulta li bejn l-ewwel kuntratt cioe dak ta' Awissu u t-tieni, dak ta' Novembru ta' l-istess sena, sar pagament wiehed ta' LM106 skond it-termini tal-kuntratt. Dan jfisser li l-bilanc effettivament dovut kellu jkun ta' LM2438 (LM2544 - LM106), izda l-attur jghid li f'Novembru huwa gabar il-bilanc precedentement dovut fl-ammont ta' LM1790 u maghhom zied l-LM2,500 mislufa plus l-imghax kif inghad fuq. Wiehed jistaqsi x'sar mid-diferenza ta' LM648.

c) Fl-ahharnett il-konvenut jghidu li f'dik l-okkazzjoni huma inghataw biss LM1,000. Din ix-xhieda qatt ma giet kontradetta mill-attur biss jidher li din ix-xhieda ma tantx tista tinghata affidament. Dan billi skond il-kuntratt l-ammont ta' LM2544 kellu jithallas bi pagamenti mensili ta' LM106 u b'hekk din is-somma kienet tithallas fi zmien 24 xhar. Il-konvenuta tghid li l-attur zamm imghax ta' 30%, ghalhekk jekk is-somma mislufa kienet ta' LM1,000 l-imghax komputat fuq firxa ta' sentejn fuq dan l-ammont kien jkun ta' LM600 mentri hawn insibu differenza ta' LM1544 bejn l-kapital allegatament misluf u l-imghax.

Tenut kont ta' dan kollu din il-Qorti taccetta l-verzjoni ta' l-attur fis-sens li f'Novembru 1995 huwa kellu jiehu bilanc ta' LM1790 minghand il-konvenuti u dana anke billi dan jivvantagga lill-istess konvenuti. Fl-istess hin jinghad li gia la darba il-kuntratt ta' Awissu 1995 mhux mertu ta' dawn il-proceduri kull ezami tal-bilanc dovut a skop ta' l-eccezzjoni ta' uzura, jkun extra petita.

Il-konvenuti jammettu li f'Novembru 1995 huma sselfu minghand l-attur is-somma ta' LM2,500 u mhux LM5,000 kif jinghad fil-kuntratt tat-28 ta' Novembru. Il-konvenuti pero' ma jikkontestawx l-allegazzjoni ta' l-attur li f'dik l-okkazzjoni ngabar l-bilanc dovut precedentement u zdied ma' l-ammont gdid misluf. Ghalhekk jidher li l-allegazzjoni ta' l-attur li f'Novembru 1995 huwa kellu jiehu LM1790 plus LM2500 hija flokha. Issa irid jigi ezaminat jekk id-differenza ta' LM710 rappresentanti mghax mahdum bil-quddiem kellux element ta' uzura. Is-somma indikata fil-kuntratt, kapital u imghax inkluz, kellha tithallas fi zmien sentejn bir-rata ta' LM200 fix-xhar. Is-somma ta' LM4290 (cioe self gdid u bilanc precedenti) kienet takkumula

imghax ta' LM686.40 fuq periodu ta' sentejn komputat bhala imghax semplici. Ghalhekk hemm eccess ta' LM24 li ghandu jitnaqqas a termini ta' l-artikolu 1852 tal-Kap 16 b'dana li l-ammont realment dovut b'imghax komputat sa l-ahhar ta' Dicembru 1997 huwa ta' LM4976.

Jirrizulta pero' li bejn il-5 ta' Jannar 1996 u il-11 ta' Ottubru 1996 saru diversi pagamenti mensili mill-konvenuti. Dawn jirrizultaw sew mir-ricevuti li gew ezebiti mill-konvenuti man-nota a fol 47 tal-process u mill-istatement mahrug mill-istess attur u ezebiti mill-konvenuti a fol 91 tal-process. Dawn il-pagamenti kienu jkopru l-obbligu naxxenti mill-kuntratt ta' Awissu 1995, bir-rata ta' LM106 fix-xhar, li issa gie inkorporat fil-kuntratt ta' Novembru ta' l-istess sena, u l-obbligi naxxenti mill-kuntratt ta' Novembru 1995, bir-rata ta' LM200 fix-xhar. Infatti minn statement tal-istess attur jirrizulta li f'dan il-perjodu thallset is-somma ta' LM2304.00. Dan l-ammont ghandu jitnaqqas mis-somma ta' LM4976 biex b'hekk fadal bilanc ta' LM2672 bejn kapital u imghax. Wara dik id-data fuq dan il-kont ma jirrizultax li saru pagamenti ohrajn. Ghalhekk mill-kuntratt ta' Novembru 1995 hemm bilanc dovut fis-somma ta' LM2672 bl-imghax legali ta' 8% mill-1 ta' Jannar 1998 u dana stante li l-imghax precedenti huwa gja inkluz fil-kapital sa l-ahhar tas-sena 1997.

Fl-ahharnett hemm il-kuntratt tad-19 ta' Novembru 1996 ukoll fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja fejn jissemma self iehor ta' LM2550 li kellu jithallas bi pagamenti mensili ta' LM150 u cioe fi zmien 17 il-xhar. L-attur jghid li s-self kien ta'LM2,000 u kien hemm somma addizjonali ta' LM550 biex tkopri diversi cirkostanzi. Il-konvenuti mil-banda l-ohra jghidu li huma qatt ma ircevew dan l-ammont u ghalhekk f'dan ir-rigward ma ghandhom jghatu xejn. In sostenn ta' din l-allegazzjoni resqu lil Catherine Camilleri, Head Accounts tal-branch ta' Hal Luqa tal-MidMed Bank illum HSBC Bank Ltd. Din xhedet li minn ricerka li saret ghall-perjodu relevanti, sew fl-account tal-kumpanija kif ukoll ghall-'bank drafts' ma tirrizulta ebda 'entry' fl-ammont ta' LM2000. Biss l-attur xhed in kontro ezami li dan l-ammont dak inhar 'probabilment' inghata "*cash*".

Il-kwistjoni ghalhekk mhux cara, izda din il-Qorti tirrileva fic-citazzjoni l-attur ppremetta li saru tlett pagament ta' LM150 kull wiehed u cioe a termini tal-kuntratt ta' Novembru 1996. Din id-dikjarazzjoni qatt ma giet kontradetta mill-konvenuti. Fic-cirkostanzi wiehed jistaqsi ilghala l-konvenuti bdew jhallsu l-ammont imsemmi fil-kuntratt ta' Novembru 1996 jekk huma jghidu li qatt ma inghataw flus. Dan abbinat mal-fatt li l-kreditu jirrizulta minn att pubbliku jwassal din il-Qorti li taccetta l-verzjoni ta' l-attur u cioe li dakinhar f'Novembru 1996 sar self ta' LM2000.

trid tigi ghalhekk ezaminata l-kwistjoni tal-imghax komputati bil-quddiem. L-ewwel nett din il-Qorti ma tistax taccetta dak li qal l-attur li s-somma ta' LM550 kienet tikkomprendi ukoll imghax fuq l-ammont dovut precedentement u dan ghas-semplici raguni li fuq l-bilanc precedenti naxxenti mill-kuntratt ta' Novembru 1995 gja kien hemm mahsub l-imghax. Inoltre lanqas ma tista' tigi accettata l-ispjegazzjoni li ta' l-attur li din is-somma kienet tkopri id-'danni' minhabba l-fatt li l-pagamenti kienu ser jsiru b'LM150 fix-xhar u mhux bhal ma kienu jsiru l-ohrajn.
Issa biex is-somma ta' LM2550 tithallas kollha b'rati mensili ta' LM150, trid 17 il-xhar. F'dan il-perjodu l-imghax fuq is-somma ta' LM2000 komputat bit-8% jlahhaq ghas-somma ta' LM226. Ghalhekk hemm eccess ta' imghax ta' LM324 li, a termini ta' l-artikolu 1852 tal-Kap 16, jrid jitnaqqas. B'hekk jigi li l-ammont dovut in forza tal-kuntratt ta' Novembru 1996 jilhaq is-somma ta' LM2,226. Dana bl-imghax komputat sat-18 ta' April 1998. Minn dan l-ammont trid tonqos is-somma ta' LM450 li, kif jghid l-attur, thallset diga. Ghalhekk jibqa bilanc ta' LM1776 bl-imghax gja komputat sat-18 ta' April 1998.

Illi kull hlas ta'parti mid-dejn maghmul akkont ta' kapitali u mghaxijiet, minghajr ma jinghad ghal liema minnhom, imur l-ewwel ghal-imghaxijiet. Gialadarba l-ammonti imhallsa mill-konvenuti jeccedu l-imghax dovut fuq kull ammont, isegwi li ghandu jiddekorri mghax fuq l-bilanci fuq imsemmija mid-dati imsemmija.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tipprovdi minn din il-vertenza billi tiddikjara lill-konvenuti debituri tas-socjeta' attrici fis-somma komplessiva ta' erbat elef erba' mija tmienja u erbghin lira maltin (LM4448.00) dovuta kwantu ghall-elfejn sitt mija tnejn u sebghin lira maltin (LM2672.00) bhala bilanc fuq il-kuntratt tat-28 ta' Novembru 1995 u fuq liema ammont ghandu jiddekorri imghax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena b'effett mill-1 ta' Jannar 1998, b'dana li dan l-ammont jinkorpora kull debitu precedenti imsemmi fil-kuntratt tat-22 ta' Awissu 1995; u kwantu ghas-somma ta' elf seba' mija sitta u sebghin lira maltin (LM1776.00) bhala bilanc dovut fuq il-kuntratt tad-19 ta' Novembru 1996 u fuq liema ammont ghandu jiddekorri imghax ta' tmienja fil-mija fis-sena (8%) b'effett mid-19 ta' April 1998. Tilqa' ukoll l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fis-sens biss li l-ammonti pretizzi mill-attur kienu eccessivi u anke jinkorporaw element ta' uzura, liema imghax eccessiv tnaqqas a tenur tal-ligi.

Fic-cirkostanzi l-ispejjes tal-kawza ghandhom jigu sopportati kwantu ghall-zewg terzi mill-konvenuti u terz mill-attur.

Onor Imhallef Albert J. Magri